**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 19 ta' Frar, 2025**

Numru 1

**Appell Nru. 66/2024**

**Emanuel Bonavia**

**vs**

**L-Awtorita’ tal-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita tas-6 ta’ Novembru 2024 mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-17 ta’ Ottubru 2024 li biha laqa’ l-appell tal-petizjonant rigward zewg invoices ghal hlas ta’ multa ta’ kuljum, cioe INV 12857 ghal €24,310 u INV 12856 ghal €24,670 u qies li z-zewg invoices jirreferu ghall-istess avviz ta’ enforzar 31560/ENF/009 u jkopru l-istess perjodu ghalhekk qies biss bhala multa effettiva dik li iggib in-numru 12857;

Il-petizjonant irrisponda li l-appell ghandu jigi michud;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Fir-rigward tat-tieni aggravju l-petizzjonant ma ghandux ragun. Huwa minnu li hemm element ta' dewmien izda jrid jigi imfakkar li si tratta ta' applikazzjoni ta' sanzjonar ta' zvilupp li sar bla permess meta certament l-izvilupp kien tali li kien jirrikjedi permess.

Dwar l-ewwel aggravju jirrizulta li l-petizzjonant jidher li ghandu ragun. Iz-zewg invoices huma indentici hlief ghan-numru tal-invoice. It-tnejn jirrefertu ghall-istess perjodu 16.05.222. sa 25.10.23. u huma fir-rigward tal-istess avviz 31650/ENF/009.

Ghaldaqstant l-petizzjoni jishaq li jigi milqugh in parte.

It-Tribunal jiddikjara ghalhekk l-petizzjoni hija milqugha izda dana biss fil-konfront tal-INV 12856 liema Invoice huma dikjarat bhala imhassar u bla effett. IZDA l-Invoice INV 12857 ghall-ammont ta' € 24310 ghandu jibqa validu u vigenti.

### Ikkunsidrat

L-aggravji tal-Awtorita huma s-segwenti:

1. Dawn huma proceduri bil-miktub u ghalhekk ma kienx hemm smigh. Harsa lejn id-decizjoni tat-Tribunal wiehed jintebah li s-sottomissjonijiet tal-Awtorita biex jirribattu l-petizzjoni ma gewx kunsidrati u ghal din ir-raguni biss l-appell ghandu jigi milqugh;
2. It-Tribunal zbalja meta qies li z-zewg invoices jirreferu ghall-istess infrazzjoni. Iz-zewg infrazzjonijiet u kwindi avviz jirreferu ghal perjodu differenti wahda datata 3 ta' Novembru 2021 u l-ohra 23 ta' Novembru 2021 kif ukoll ghal infrazzjoni separati. Decizjoni tat-Tribunal hi perikoluza ghax ifisser li persuna notifikata b'avviz tista' taghmel zvilupp illegali ulterjuri bla sanzjoni u l-ligi stess fil-L.S. 552.24 tqis li illegalitajiet bi ksur tal-ligi jitqiesu individwalment.

### L-ewwel u t-tieni aggravji

L-Awtorita ghandha ragun f'dawn l-aggravji. Harsa lejn id-decizjoni tat-Tribunal ma hemm ebda referenza ghal dak li issottomettiet l-Awtorita qisu ma irrispondietx ghal petizzjoni. Ma hemmx bzonn li jigi indirizzat kull sottomissjoni jew kull punt imressaq f'appell izda almenu tinghata indikazzjoni li t-Tribunal ha konjizzjoni tas-sustanza ta' dik li parti tkun ressqet bl-arugmenti quddiemu u dan minn qari tal-konsiderazzjonijiet maghmula. Dan jinghad b'aktar konvinzjoni billi t-Tribunal qies li z-zewg invoices huma identici hlief ghan-numru u huma rigward l-istess avviz. Ma ta ebda spjegazzjoni ghaliex ma qies l-argumenti mressqa mill-Awtorita li huma infrazzjonijiet

differenti li saru fi zmien differenti. Il-Qorti mhix tghid li l-Awtorita ghandha ragun fl-argumenti li ressqet u qed terga' tressaq quddiem il-Qorti izda t-Tribunal kellu l-obligu jiggustifika r-raguni ghaliex ma qabilx mal-Awtorita li z-zewg invoices ma kellhom jinqraw separatament ghalkemm inhargu in forza tal-istess avviz ta' enforzar minkejja fi zminijiet u ghal cirkostanzi separati minn xulxin.

Ghalhekk l-aggravji qed jigu milqugha f'dan is-sens.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-Awtorita tal-Ippjanar, tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-17 ta' Ottubru 2024, u terga tibghat l-atti lura lit-Tribunal beix jerga jiddeciedi l-petizzjoni kif imiss skont ma jinghad f'din is-sentenza. Spejjez ghall-appellat.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur